32006D0127

L 51/19 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA* 22.2.2006

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-2 ta' Frar 2006

dwar li tapprova l-pjan ta' azzjoni teknika 2006 għat-titjib ta' l-istatistika agrikola

(innotifikata taħt dokument numru C(2006) 6068)

(2006/127/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EUROPEJ

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 96/411/KE tal-25 ta' Ġunju 1996 dwar it-titjib ta' l-istatistika agrikola tal-Komunità [1], u b' mod partikolari l-Artikolu 4(1) u l-Artikolu 6 (2) tagħha,

Billi:

(1) Skond id-Deċiżjoni Nru 96/411/KE, il-Kummissjoni tistabbilixxi pjan ta' azzjoni teknika għall-istatistika agrikola kull sena.

(2) Skond id-Deċiżjoni Nru 96/411/KE, il-Komunità tikkontribwixxi għall-ispejjeż imġarrba mill-Istati Membri filwaqt li jwettqu addattament għal sistemi nazzjonali ta' statistika agrikola jew l-ispejjeż ta' xogħol ta' tħejjija għal ħtiġijiet ġodda jew li qed jiżdiedu li huma parti minn pjan ta' azzjoni teknika.

(3) Huwa essenzjali li jkun hemm titjib u li tiġi żviluppata l-informazzjoni statistika dwar l-iżvilupp rurali għall-implimentazzjoni tal-politika relatata tal-Komunità. Dan huwa qasam prinċipali tal-pjan ta' azzjoni annwali.

(4) Jeħtieġ li tkun ikkonsolidata s-sistema ta' l-istatistika agrikola u li tissokta l-ħidma appoġġjata mill-pjanijiet ta' azzjoni ta' qabel fl-oqsma ta' reġistri ta' l-irziezet u l-irziezet iż-żgħar.

(5) Il-miżuri previsti f' din id-Deċiżjoni huma bi qbil ma' l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar l-Istatistika Agrikola,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pjan ta' azzjoni teknika 2006 għat-titjib ta' l-istatistika agrikola (TAPAS 2006), hekk kif stipulat fl-Anness, huwa approvat.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussell, it-2 ta' Frar 2006.

Għall-Kummissjoni

Joaquin ALMUNIA

Membru tal-Kummissjoni

[1] ĠU L 162, 1.7.1996, p. 14. Deċiżjoni kif l-aħħar emendata bid-Deċiżjoni 787/2004/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 138, 30.4.2004, p. 12).

ANNESS

PJAN TA' AZZJONI TEKNIKA 2006 SABIEX TITTEJJEB L-ISTATISTIKA DWAR L-AGRIKOLTURA (TAPAS 2006)

Il-miżuri li huma koperti mill-pjan ta' azzjoni teknika 2006 għat-titbjib ta' l-istatistika agrikola li tirrigwrada l-oqsma li ġejjin:

a) Żvilupp rurali

b) Reġistri ta' statistika ta' l-irziezet

ċ) Riċerki dwar irżiezet żgħar (riċerki ta' l-unitajiet żgħar).

Il-Kummissjoni se tagħmel kontribuzzjoni finanzjarja lil proġetti żviluppati bħala parti minn dawn il-miżuri li mhijiex se tiskorri l-ammonti murija fit-Tabella A għal kull Stat Membru.

Tabella A

Pjan ta' azzjoni teknika 2006

Kontribuzzjoni finanzjarja massima tal-Komunità lill-ispiża mġarrba

(f'ewro)

Pajjiżi	Żvilupp rurali	Reġistru ta' rziezet	Unitajiet żgħar	TOTAL
BE	94 000			94 000
DK			10 000	10 000
DE	49 500			49 500
HU	16 806			16 806
NL		60 000		60 000
AT	51 214			51 214
FI		36 000		36 000
SE		40 000		40 000
TOTAL	211 520	136 000	10 000	357 520